

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġits

PROVIŻORJU
2006/2018B(BUD)
Par1

27.9.2006

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(C6-0300/2006 – 2006/2018B(BUD))

Taqsimi I	–	Parlament Ewropew
Taqsimi II	–	Kunsill
Taqsimi IV	–	Qorti tal-Ġustizzja
Taqsimi V	–	Qorti ta' l-Awdituri
Taqsimi VI	–	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Taqsimi VII	–	Kumitat tar-Reġjuni
Taqsimi VIII (A)	–	Ombudsman Ewropew
Taqsimi VIII (B)	–	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta

Parti 1: Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għall-Baġit

Rapporteur: Louis Grech

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....3

Ippubblikati separatament

- Nota spjegattiva Parti 2 - A6-0000/2006
- Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat għall-Baġits fil-laqgħat tiegħu ta' ... fuq l-abbozz ta' emendi għat-Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII u VIII (A) u VIII (B) ta' l-abbozz tal-baġit ġenerali Parti 3 - A6-0000/2006
- Opinjonijiet tal-kumitati l-oħra kkonċernati Parti 4 - A6-0000/2006

PROPOSTA GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 -
Taqsimiet I – Parlament Ewropew, Taqsimiet II – Kunsill, Taqsimiet IV – Qorti tal-
Ġustizzja, Taqsimiet V – Qorti ta' l-Awdituri, Taqsimiet VI – Kumitat Ekonomiku u
Soċjali Ewropew, Taqsimiet VII – Kumitat tar-Reġjuni, Taqsimiet VIII (A) –
Ombudsman Ewropew, Taqsimiet VIII (B) – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-
Dejta
(C6-0300/2006 - 2006/2018B (BUD))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi tal-Komunitajiet Ewropej stess¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej²,
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju rett³,
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja⁴, u b'mod partikulari l-punt 26 tagħha,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit ta' l-2007 – Taqsimiet II, IV, V, VI, VII, VIII (A) u VIII (B) u dwar l-abbozz preliminari ta' l-estimi (Taqsimiet I) għall-proċedura tal-baġit ta' l-2007⁵,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar l-estimi tad-dħul u l-ħruġ tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2007⁶,
- wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, li l-Kummissjoni ppreżentat fit-3 ta' Mejju 2006 (SEC(2006)0531),
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, li stabbilixxa l-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2006 (C6-0300/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

¹ ĠU L 253, 7.10.2000, p. 42.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

⁴ ĠU C 172, 18.6.1999, p.1. Ftehma kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2005/708/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 14.10.2005, p. 24).

⁵ *Testi adottati* ta' dik il-ġurnata, P6_TA(2006)0090.

⁶ *Testi adottati* ta' dik il-ġurnata, P6_TA(2006)0241.

- Wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A6-0000/2006),
- A. billi l-2007 hija l-ewwel sena tal-qafas finanzjarju l-ġdid (2007-2013), li għaliha l-limitu ta' l-Intestatura 5 (Nefqa amministrattiva) ġiet stabbilita għal EUR 7 115-il miljun skond il-prezzijiet kurrenti;
- B. billi l-Abbozz Preliminari tal-Baġit (PDB) ta' l-istituzzjonijiet kollha ħalla marġini ta' EUR 160 750 000 inqas mil-limitu ta' l-Intestatura 5 tal-perspettiva finanzjarja għas-sena finanzjarja 2007;
- C. billi wara d-deċiżjoni tal-Kunsill l-abbozz tal-baġit (DB) għandu marġini ta' EUR 285 190 000 inqas mil-limitu ta' l-Intestatura 5 għall-2007;

Qafas Ġenerali

1. Jaqbel mal-Kunsill li d-dixxiplina baġitarja u d-dħul mill-produttività għandhom jikkostitwixxu prinċipji essenzzjali għall-istituzzjonijiet kollha; m'huwiex ta' l-istess fehma tal-Kunsill dwar tnaqqis ġenerali; iqis li t-talbiet baġitarji għandhom ikunu evalwati fuq bażi ta' każ każ li għandu jirriżulta fi stampa aktar ċara u preċiża tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet veri ta' kull istituzzjoni; itenni l-fatt li, filwaqt li jkunu rrispettati l-annwalità u n-natura amministrattiva tal-baġit, min-naħa ta' l-istituzzjonijiet għandu jkun adottat approċċ aktar operazzjonali, ibbażat fuq l-attività u li jkunu multiannwali; jemmen li dan l-approċċ jirrifletti b'mod aktar realistiku u effettiv l-iżvilupp u l-ħtiġijiet ta' perjodu qasir u medju ta' l-istituzzjonijiet;
2. Jistenna li l-istituzzjonijiet jiżguraw li l-politiki u l-attivitajiet iffinanzjati minn min iħallas it-taxxa jipprovdu valur miżjud tassew għaċ-ċittadin u li l-appropriazzjonijiet tal-baġit ikunu użati skond il-prinċipji ta' mmaniġġjar finanzjarju rett u ta' effettività fl-infiq; għalhekk iddeċieda li jillimita ż-żieda fil-baġit għall-2007 għal XX%, minbarra l-ispejjeż tat-tkabbir;
3. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, matul is-snin, numru ta' istituzzjonijiet żguraw li marġini sostanzjalment għolja kienu qed isiru karatteristika permanenti fl-estimi tagħhom, li wassal għal grad għoli ta' trasferiment ta' tlaqqit (mopping up transfer) u, xi drabi, għat-taħsira ta' approprjazzjonijiet; jammetti li hu prudenti li wieħed ikollu marġini adegwati, imma jqis li m'huwiex xieraq li wieħed ikollu marġini minfuħa li m'humix realistiki, f'ċirkustanzi normali u b'mod speċjali meta l-proċess għax-xiri u l-akkwist ta' bini jibda jmajna;
4. Jiddeċiedi li jħalli marġini taħt il-limitu ta' l-Intestatura 5; jirakkomanda li jkunu rrestitwiti EUR XXXX mit-tnaqqis ta' EUR 47 812 781 magħmul mill-Kunsill fil-baġit ta' l-istituzzjonijiet l-oħra (minbarra l-Kummissjoni);
6. Hu tal-fehma li, f'ċirkustanzi normali, il-politika tax-xiri ta' uffiċini u bini għandha titkompla b'mod speċjali peress li, matul is-snin, din il-politika serviet tajjeb l-interessi tal-Parlament Ewropew, billi tiġġenera tiffdil u b'hekk tagħmilha possibbli li jkunu ffinanzjati proġetti oħra; madanakollu, hu tal-fehma li xi istituzzjonijiet jista' jkun li qed jadottaw din il-politika għall-unika raġuni li jakkwistaw propjetà; jitlob li din il-politika tqis l-evidenza rilevanti bħal m'huma l-erja/il-volum ta' l-ispażju ta' l-uffiċini għal kull impjegat u tagħti attenzjoni xierqa lill-ispejjeż konsiderevoli, bħal m'huma s-sigurtà u l-manutenzjoni, speċjalment minħabba li l-ispejjeż tal-bini jagħmlu 'l fuq minn 16% ta' l-Intestatura 5; jinsisti wkoll li, għal kull proposta ta' akkwist li għad jagħmlu, l-istituzzjonijiet għandhom

iressqu indikazzjoni ta' l-ispejjeż addizzjonali relatati li jkunu se jirriżultaw fit-tul ta' żmien medju; jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' politika ta' ppjanar multiannwali ta' investment fil-propjeta' minflok pjan kull sena;

7. Jilqa' b' sodisfazzjon il-fatt li l-istituzzjonijiet adottaw in-nomenklatura l-ġdida li ġabet il-preżentazzjoni tad-dokumenti baġitarji aktar jinftiehm malajr u aktar trasparenti għaċ-ċittadin;
8. Innota li xi drabi l-istituzzjonijiet isibuha diffiċli biex jisfruttaw biżżejjed is-suq tax-xogħol għal kapaċitajiet partikulari, bħal m'huma akkawntants u persunal tat-Teknoloġija ta' l-Informatika; jinnota t-tendenza li qed dejjem tiżdied fit-tħaddim ta' staff temporanju u fl-esternalizzazzjoni ta' ċerti servizzi; iqis li ta' min jirrakkomanda li tiġi indirizzata l-politika li għandhom isegwu l-istituzzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni ta' xogħol u r-reklutaġġ ta' ħaddiema temporanji b'kuntratt.
9. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jirristrutturaw is-servizzi ta' traduzzjoni u b' mod speċjali n-numru u t-tul tat-testi li jridu jkunu tradotti; jitlob li l-istituzzjonijiet jippreżentaw rapport fuq l-effiċjenza fl-infiq tas-servizzi tat-traduzzjoni tagħhom;
10. Hu tal-fehma li l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu aktar informazzjoni fuq it-tweqqi tad-dmirijiet essenzjali tagħhom sabiex jiġġustifikaw il-konsum tar-riżorsi finanzjarji tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jkun immonitorjat jekk fondi addizzjonali humiex iwasslu għal żieda jew tnaqqis fl-effikaċja u l-effiċjenza ta' l-istituzzjonijiet; iqis li, flimkien mar-rapporti fuq l-implimentazzjoni baġitarja, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu rapportaġġ relatat ma' l-attività li jkun aktar informattiv li għandu jittressaq lill-awtorità baġitarja sa l-ewwel ġimgħa ta' Settembru kull sena. Dawn ir-rapporti jistgħu jintużaw biex jispjegaw aħjar kull talba addizzjonali għal fondi filwaqt li jgħinu lill-awtoritajiet baġitarji biex jagħmlu deċiżjoni aktar razzjonali fuq l-allokazzjoni ta' fondi bħal dawn;
11. Huwa ddiżappuntat li mhux l-istituzzjonijiet kollha huma impenjati li mir-riorganizzazzjoni jagħmlu eżerċizzju vijabbli; jilqa' b' sodisfazzjon l-isforzi li qed isiru minn xi istituzzjonijiet – notevolment l-amministrazzjoni tal-Parlament, għalkemm fuq livell limitat ħafna – biex jimplementaw b' suċċess politika ta' riorganizzazzjoni mifruxa fuq numru ta' snin; jirrakkomanda li fis-snin li ġejjin l-istituzzjonijiet għandhom jassiguraw li l-politika ta' riorganizzazzjoni tkun tiffirma parti integrali mill-proċedura ta' ppjanar meta jkunu qed jitħejjew l-estimi annwali, b'tali mod li jkun iggarantit li r-riżorsi umani mitluba jkunu konformi mal-ħtiġijiet operazzjonali;
12. Jinnota li l-maġġoranza tat-talbiet għal iżjed staff huma ġejjin mill-proċess ta' tkabbir li jibqa' prijorità ewlenija; jaqbel mal-politika tal-Kunsill li jaċċetta l-postijiet tax-xogħol il-ġodda kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tkabbir; iqis, madankollu, li trid tingħata aktar informazzjoni dwar kif effettivament l-istaff addizzjonali se jkun imqassam, speċjalment biex ikun assigurat li l-uffiċjali l-ġodda qed ikunu verament impjegati biex iwettqu dmirijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tkabbir;
13. Jafferma li l-appropriazzjonijiet għandhom, kemm jista' jkun, ikunu konnessi ma' attivitajiet speċifiċi u b'hekk tkun evitata t-taħsira ta' appropriazzjonijiet u t-traferiment ta' tlaqqit fl-aħħar tas-sena;
14. Ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill li jżid it-“tnaqqis standard” għal livell relattivament għoli u jibbażah fuq ir-rata kurrenti ta' postijiet tax-xogħol battala peress li dan jista' jgħaliq potenzjalment xi problemi bla bżonn, b' mod sepċjali jekk kandidati li jkunu rnexxew ma jkunux jistgħu jkunu impjegati minħabba nuqqas ta' appropriazzjonijiet;

15. Jirrakkomanda koperazzjoni akbar bejn l-istituzzjonijiet li bla dubju se toħloq sinerġija u se tikkontribwixxi għal tiffidil finanzjarju u effiċjenza akbar, filwaqt li tkun qed tgħin liċ-ċittadini jifhemu aħjar l-irwol ta' l-UE fil-ħajja tagħhom ta' kuljum;
16. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet li jkollhom approċċ aktar armonizzat u standard meta jkunu qed jabbozzaw l-estimi tagħhom, inklużi ġustifikazzjonijiet ċari u preċiżi, peress li dan se jiffaċilita l-analiżi tagħhom;

Taqsimha I - Parlament Ewropew

Livell ta' bbaġitjar

17. Jitlob lill-amministrazzjoni biex fis-snin li ġejjin tindirizza mill-ġdid il-limitu ta' 20% li imponiet fuqha nnifisha ta' l-Intestatura 5, filwaqt li tqis l-iżvilupp u l-ħtiġijiet konsegwenzjali tal-Parlament għall-2009 u lil hemm;
18. Jiddispijaciħ li l-awtorità baġitarja ma rċeviet l-ebda rispons mill-amministrazzjoni dwar it-talba tagħha relatata mal-minimalizzazzjoni ta' l-ispejjeż f'oqsma li qed jesperjenzaw infiq bla bżonn bħala riżultat tal-fatt li għandha tliet postijiet fejn taħdem; jerġa' jfakkar li l-ispejjeż ta' dan it-tixrid ġeografiku jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 16% tan-nefqa totali tal-Parlament;
19. Jinnota l-ittra ta' emenda tal-Bureau tas-6 ta' Settembru 2006 li tipproponi li l-baġit ikun stabbilit għal-livell massimu ta' 20% ta' l-Intestatura 5, li fi kliem ieħor ifisser żieda ta' 7.72% fuq il-baġit ta' l-2006; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ammont ta' trasferiment ta' tlaqqit fl-2005 kien ta' EUR 123 800 000 u l-bilanċ fl-2006 huwa mistenni li jkun ta' madwar EUR 100 miljun; jiġbed l-attenzjoni tal-Membri għar-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq ta' l-1 ta' Ġunju 2006 (paragrafi 1 u 2) li tgħid li l-baġit għandu jkun ibbażat fuq talbiet realistiċi;
20. Wara eżami bir-reqqa tal-ħtiġijiet baġitarji tal-Parlament, iddeċieda li l-livell finali tal-baġit tal-Parlament ikun stabbilit għall-ammont ta' EUR XXX li jikkorrispondi għal żieda ta' XX% fuq il-baġit ta' l-2006 u jirreġistra tnaqqis fil-baġit tal-Parlament ta' EUR XXX inqas mill-20 % ta' l-Intestatura 5; jenfasizza li dan ta' hawn fuq ma jikkostitwixxi xi limitazzjoni tad-dritt tal-Parlament li juża għal kollox il-limitu li impona fuqha nnifsu għall-2007 u għas-snin li jiġu wara; huwa kunfidenti li dan il-livell ta' bbaġitjar m'hu se jillimita bl-ebda mod l-abbiltà ta' l-istituzzjoni li tibqa' topera u tiffunzjona fuq livell effiċjenti;

Politika ta' l-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni

21. Jerġa jafferma l-politika tiegħu li l-Parlament Ewropew għandu jkompli l-isforzi tiegħu biex jiżviluppa strateġija effettiva u faċli għal min jużaha bl-objettiv prinċipali ta' titjib tar-relazzjoni bejn l-istituzzjoni u ċ-ċittadin Ewropew;
22. Jinnota l-proposti tal-Bureau biex jirrilaxxa EUR 6 700 000 mir-riżerva għall-politika ta' l-infurmazzjoni u l-komunikazzjoni ddestinati għat-TV Web (Web TV); iddeċieda li jżomm kif inhuma l-EUR 6 700 000 allokatu mill-Bureau għat-TV Web fir-riżerva, kif ukoll il-ħames postijiet tax-xogħol relatati mal-proġett, sakemm il-prototip ikun ippreżentat lill-awtorità baġitarja għad-deċiżjoni finali tagħha;
23. Jiddispijaciħ li fis-snin imġhodidja kienu evidenti kemm-il każ ta' dewmien bla bżonn fl-implimentazzjoni tat-titjib ġenerali tal-programm tal-viżitaturi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kwistjonijiet relatati ma' dan is-servizz huma bil-wisq rilevanti għat-titjib tar-relazzjoni bejn il-Membri u l-kostitwenti tagħhom; iqis li dan il-kuntatt dirett ma-ċittadin

Ewropew għandu effett ta' multiplikatur li hu ta' għid fil-perċezzjoni li ċ-ċittadin Ewropew għandu tal-Parlament tiegħu;

24. Itenni it-talba li għamel fil-paragrafu 37 tar-risoluzzjoni tiegħu ta' l-ewwel ta' Ġunju 2006 għal azzjoni immedjata biex tkun riżolta l-kwistjoni sensittiva rigward in-nuqqas ta' nfiq ta' EUR 5 miljuni relatati mal-programm tal-viżitaturi; jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-bureau li jadotta l-proposta tal-Kwesturi għal-reviżjoni tar-regoli għall-gruppi tal-viżitaturi sabiex jiżdied l-ammont disponibbli biex ikopri l-ispejjeż u biex iżid in-numru ta' viżitaturi kull Membru għal 100; japprezza wkoll il-fatt li l-binja D4, fejn hu allokat iċ-Ċentru tal-Viżitaturi, ġie mgħoddi għas-sid il-ġdid kmieni; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jinforma lill-awtorità baġitarja dwar l-impatt ta' l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda u l-effiċjenza tas-sistema;
25. Jirrikonoxxi l-isforzi li qed tagħmel l-Amministrazzjoni biex tirranġa n-nuqqasijiet fis-servizz tal-viżitaturi; madanakollu, jitlob lill-Amministrazzjoni tindirizza l-ilmenti rigward in-nuqqas ta' disponibilità ta' perjodi li fihom jintlaqgħu l-viżitaturi;
26. Iddeċieda li jaqbel mal-proposti tal-Bureau li ġejjin rigward diversi approprjazzjonijiet:
 - li jkun allokat ammont ekstra ta' EUR 2 700 000 għall-programm tal-viżitaturi,
 - li jkunu allokati EUR 6 800 000 għall-attrezzament tal-post fejn hemm iċ-Ċentru tal-Viżitaturi,
 - li jkun irrilaxxat mill-Kapitolu 104 ("*Riżerva għall-politika ta' informazzjoni u komunikazzjoni*") l-ammont ta' EUR 13 345 000 li għandu jkun ittrasferit għall-entrata 2140 (Apparat u stallazzjonijiet tekniċi) u li l-ammont ta' EUR 2 335 000 li jifdal jitħalla fir-riżerva;

Tkabbir

27. Jikkonferma d-deċiżjoni li tiddaħħal allokazzjoni ta' EUR 48 miljun għan-nefqa rrelatata mat-tkabbir (ir-Rumanija u l-Bulgarija) fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
 1. spejjeż għall-persunal irrelatat mal-Membri l-ġodda (35 Rumani u 18-il Bulgaru);
 2. staff addizzjonali (226 post tax-xogħol permanenti u 22 post temporanju għal gruppi politiċi);
 3. tekniċi ta' l-interpretazzjoni u l-konferenzi;
 4. tagħmir u għamara
 5. spiża tat-tħaddim;
 6. ifffinanzjar ta' l-informazzjoni u statutorju tal-gruppi u l-partiti politiċi;
28. Jitlob lill-amministrazzjoni tassigura li l-proċessi ta' reklutaġġ relatati mat-tkabbir ma jesperjenzawx l-istess dewmien li kien esperjenzat fit-tkabbir li sar ma' l-UE 10; jitlob lill-amministrazzjoni taġġorna u tippreżenta perjodikament ir-rapport fuq ir-reklutaġġ rigward it-tkabbir lill-awtorità baġitarja;

Pjan Organiku

29. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-konsolidazzjoni tal-pjan organiku flimkien ma' l-eżerċizzju tar-riorganizzazzjoni jibqgħu l-oġettivi essenzjali fl-ippjanar strateġiku tar-rellutaġġ ta' staff fil-pjan organiku ta' l-2007; isostni li trid tinħoloq struttura aktar ekonomika ta' organizzazzjoni, prinċipalment billi postijiet ġodda jkunu ssimplifikati, l-

objettivi jkunu pprijoritizzati u billi l-attivitajiet li mhumiex attivitajiet essenzjali u li ma jagħtu l-ebda valur miżjud jitwaqqfu milli jkomplu; jafferma mill-ġdid illi l-mili ta' postijiet li jkunu sfaw battala bħala riżultat ta' rtirar mhux se jkun aċċettat bħala li hu xi proċess naturali;

30. Jinnota li, wara l-ittra ta' emenda tal-Bureau, il-livell ta' postijiet ġodda mitluba, qabel il-miżura ta' riorganizzazzjoni, ammonta għas-somma ta' EUR 3 063 347 li tikkorrispondi ma' 106 post tax-xogħol; iqis, wara li evalwa l-ġustifikazzjoni għal dawn il-postijiet b'aktar preċiżjoni, li l-ammont totali huwa wist oġġla mill-ħtiġijiet essenzjali tal-Parlament għall-2007 u għalhekk approva l-postijiet il-ġodda li ġejjin:

- Lingwa Irlandiża: 3 AD5 (ġurista lingwista), 3 AD5 (traduttur) u 3 AST3;
- Internalizzazzjoni (ex-awżiljarji tas-sessjonijiet): 4 AST1 (settur awdjoviżiv);
- Komitoloġija: 5 AD5 u 2 AST3;
- Leġiżlazzjoni aħjar: 1 AD5;
- Kontroll baġitarju: 1 AD 5 u direttorat D: 1 AST3;
- Estensjoni tal-binja KAD: 1 AD5 u 2 AST3, li minnhom wieħed miżmum bħala riżerva;
- TV Web: 1 AD9, 2 AD5 u 2 AST3 miżmuma bħala riżerva

31. Iddeċieda li jirrilaxxa mir-riżerva:

- Internalizzazzjoni (ex-awżiljarji tas-sessjonijiet): 8 AST1 (settur awdjoviżiv), 4 AD5 u 4 AST1, li minnhom 2 AD5 u 2 AST1 jibqgħu miżmuma bħala riżerva (minuti u CRE), u 4 AD5 (għalliema) temporanji;
- Manutenzjoni ta' bini: 3 AST3, li minnhom wieħed jibqa' miżmum bħala riżerva;
- Ċentru tal-Viżitaturi 1 AD5 u 1 AST3;
- Oħrajn: 1 AST3 (settur awdjoviżiv) u 1 AST3 (servizz mediku)
- Tħassir tas-47 post li jifdal miżmum bħala riżerva;

32. Huwa konxju li l-promozzjoni hija essenzjali għall-motivazzjoni ta' l-istaff, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan għandu jkun dejjem konformi mar-Regolamenti għall-Istaff; jieħu nota tal-promozzjonijiet mitluba mill-amministrazzjoni u ddeċieda li jikkonferma l-promozzjonijiet mitluba mill-Bureau għall-istaff permanenti u temporanju: 2 AST 2 għal AST 3, 168 AST 3 għal AST 4, 15 AST 4 għal AST 5, 205 AST 5 għal AST 6, 225 AST 6 għal AST 7, 30 AST 7 għal AST 8, 25 AST 8 għal AST 9, 10 AST 10 għal AST 11, 57 AD 5 għal AD 6, 19 AD 7 għal AD 8, 25 AD 12 għal AD 13, 2 AD 13 għal AD 14 u 1 AD 10 għal AD 11, 1 AD 8 għal AD 9, 2 AST 7 għal AST 8, 1 AST 5 għal AST 6, 1 AD 8 għal AD 10, 1 AD 6 għal AD 10, kif ukoll 1 AD8 għal AD9;

33. Bl-istess mod iddeċieda li jikkonferma l-promozzjonijiet mitluba mill-gruppi politiċi: 8 AD12 għal AD13, 9 AD11 għal AD12, 6 AD10 għal AD11, 1 AD9 għal AD10, 4 AD6 għal AD7, 9AD5 għal AD6, 10 AST10 għal AST11, 1 AST9 għal AST10, 5 AST8 għal AST9, 5AST7 għal AST8, 14 AST6 għal AST7, 14 AST5 għal AST6, 1 AST4 għal AST5, 9 AST3 għal AST4, 7 AST2 għal AST3, 2AST1 għal AST2;

34. Iddeċieda li jikkonferma l-konverżjonijiet li ġejjin:

- erba' AST3 għal AST5,
 - 2 postijiet AST u 2 postijiet AD5 temporanji ta' tul definit għal postijiet temporanji ta' tul indefinit;
 - 3 postijiet AD5 u post 1 AST3 ilkoll postijiet temporanji fis-servizz legali għal postijiet permanenti;
35. Jirrikonoxxi l-isforzi li għamel is-Segretarju Ġenerali sabiex jagħti bidu għall-inqas għall-implimentazzjoni tal-proċess ta' riorganizzazzjoni għat-tliet snin li ġejjin; jemmen li bil-koperazzjoni meħtieġa u bl-impenn ta' kull min hu kkonċernat dan l-eżerċizzju jista' jiżviluppa sa punt akbar; jistenna li 35 staff ikunu riorganizzati fl-2007, li mistenni jnaqqas il-livell ta' reklutaġġ barrani;
36. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għalhekk, il-livelli t'approprjazzjonijiet għall-pjan tal-persunal kif immodifikat kienu mnaqqsqa minn EUR 2 760 616 għal EUR 769 565, li jirrappreżenta tiffdil li jammonta għal EUR 1 991 051;
37. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li fis-snin l-imgħoddija l-korsijiet ta' taħriġ u l-korsijiet ta' introduzzjoni għax-xogħol, inklużi dawk li jindirizzaw il-mobilità u r-riorganizzazzjoni, mogħtija lill-istaff mill-Iskola Ewropea ta' l-Amministrazzjoni żviluppaw b'suċċess;
38. Madanakollu juri d-dispjaċir tiegħu li t-taħriġ ta' introduzzjoni għall-assistenti tal-Membri għadu ma ġiex ifformulat tajjeb; iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali jiżviluppa, f'koperazzjoni ma' l-Iskola Ewropea ta' l-Amministrazzjoni, programmi speċifiċi ta' taħriġ għall-assistenti tal-Membri;
39. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-programm ta' waqt it-taħriġ favur persuni b'diżabilità, kif imsemmi fil-linji gwida ta' l-2007, ġie ifformulat u qed jiżviluppa b'mod raġonevolment tajjeb;

Politika tal-Bini

40. Jinnota li l-Bureau, fl-Ittra ta' Emenda tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006, ippropona li jdaħħal fir-riżerva għall-binjiet is-somma addizzjonali ta' EUR 19-il miljun minbarra l-ammont ta' EUR 50 miljun mitlub fl-estimi tal-Parlament; wara li evalwa l-pjan ta' investment fil-propjetà għall-2007, iqis li f'dan l-istadju l-ammont ta' EUR 19-il miljun m'huwiex xi hteġa realistika; iddeċieda li jibqa' jżomm l-ammont ta' EUR 50 miljun fir-riżerva għal approprjazzjonijiet proviżorji għal binjiet biex ikun kopert l-investment ta' l-istituzzjoni fil-propjetà (sa matul l-2009)
41. Jitlob lill-amministrazzjoni tal-Parlament, speċjalment wara "l-esperjenza ta' Strasburgu", tapplika proċeduri aktar stretti, sikuri u trasparenti meta tkun qed tixtri xi bini;
42. Jinnota li l-approprjazzjonijiet li għandhom ikunu allokatu għal-linja li għadha kif ġiet maħluqa fil-baġit ta' l-2006 għal Uffiċċji ta' l-Informazzjoni (l-Artikolu 325) għandhom ma ġewx attivati;
43. Hu tal-fehma li l-ftehma mal-Kummissjoni dwar l-immaniġġjar ta' l-akkwist ta' bini, speċjalment Djar ta' l-Informazzjoni fl-Istati Membri, għandha tkun eżaminata mill-ġdid u riveduta; jistenna li rapport fuq din il-kwistjoni jitressaq quddiem l-awtorità baġitarja mhux aktar tard minn Marzu ta' l-2007;
44. Jagħmilha ċara ħafna li hu se japprova għal kollox il ġbir ta' xi fondi li ma jkunux ġew uttilizzati fil-limiti ta' l-20% ta' l-Intestatura 5 – permezz ta' baġits ta' emenda - fil-każ li l-

Parlament jiġi b'zonn spejjeż kapital addizzjonali għal infiq li ma jkunx previst, b'mod speċjali dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-akkwist ta' bini ġdid essenzjali;

45. Jinnota t-talba tal-Bureau li jkun allokat l-ammont speċifiku għax-xiri tal-binjiet li ġejjin u ddeċieda li japprova:

- ammont addizzjonali ta' EUR 4 miljuni għall-estensjoni tal-binja KAD fil-Lussemburgu;
- l-ammont ta' EUR 7 832 000 biex il-binja D4 tkun attrezzata u rranġata mill-ġdid peress li għaddiet f'idejn is-sid il-ġdid kmieni;
- is-somma ta' EUR 350 000 għall-alterazzjonijiet lill-Kamra fi Brussell minħabba l-adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija;

46. Iqis li l-Parlament għandu jieħu l-inizzjattiva li fl-uffiċini u bini ieħor tal-Parlament, iqiegħed fil-prattika l-istandards għall-Immaniġġjar ta' Kwistjonijiet Ambjentali;

Sigurtà

47. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-isforzi ta' l-awtoritajiet Belġjani rigward is-sigurtà madwar il-Parlament; hu tal-fehma li l-ispiża tas-sigurtà ġewwa l-Parlament qed issir eċċessiva u ddeċieda li jdaħħal 10% ta' l-appropriazzjoni fil-Kapitolu 100 ("*Appropriazzjoni proviżorja*"); huwa lest li jirrilaxxa l-appropriazzjoni meta jingħata rapport li jevalwa l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz ipprovdut imqabbla ma' l-ispiża u r-riskji assoċjati fit-tliet postijiet tax-xogħol;

Multilingwiżmu

48. Jirrikonoxxi l-importanza u r-relevanza tal-multilingwiżmu għall-istituzzjonijiet; iqis li s-servizz huwa essenzjali għax-xogħol tal-Membri u għaċ-ċittadin;

49. Jammetti d-diffikultajiet involuti fil-kontroll ta' din in-nefqa enormi, li tirrappreżenta bejn wieħed u ieħor 33% tan-nefqa totali tal-Parlament; hu tal-fehma li jeħtieġ li jkun hemm aktar dixxiplina u kontroll biex dan is-servizz ikun amministrat b'mod effettiv; jilqa' b'sodisfazzjoni l-inizzjattiva li ħa l-Bureau biex tkun stabbilita gwida għal Prattika Tajba; madanakollu, jirrakkomanda li l-kodiċi ta' kondotta dwar il-multilingwiżmu għandu jinkorpora sanzjonijiet u pieni għall-użu irrisponsabbli jew għall-użu ħażin ta' dawn is-servizzi, ikun min ikun dak li jwettaq l-offiża; ħa d-deċiżjoni li jqiegħed fir-riżerva EUR 3 miljun; jitlob li l-amministrazzjoni tagħmel studju dwar kemm jista' jkollu suċċess il-ħolqien ta' desk ta' għajnuna (help desk) għal interpretazzjonijiet uffiċjali għall-Membri;

50. Iddeċieda li, fir-rigward tal-lingwa Irlandiża, l-appropriazzjonijiet li ġejjin se jkunu approvati:

- EUR 100 000 fuq il-linja 1420 (Servizzi minn Persunal Barrani);
- EUR 150 000 fuq il-linja 3240 (Ġurnal Uffiċjali);
- EUR 112 000 fuq il-linja 2100 (Xiri, iċċekkjar, tiswija u manutenzjoni ta' tagħmir u softwer)
- EUR 50 000 fuq il-linja 3222 (Infq frizors ta' l-arkivju);

Assistenza u servizzi lill-Membri

51. Jieħu nota tar-rapport ippreżentat mis-Segretarju Ġenerali fuq l-evalwazzjoni aħħarija ta' l-eżerċizzju msejjaħ "Inżidu l-Imħatra" (Raising the Game), inklużi r-riżultati tas-servej

tal-kwalità imwettaq biex ikejjel il-livell ta' servizz li qed jingħata lill-Membri; jaqbel li l-bidliet strutturali meħtieġa saru u li l-oġġettivi prinċipali tat-titjib ta' l-appoġġ ipprovdut lill-korpi tal-Parlament u lill-Membri ġew milħuqa b'mod ġenerali; huwa mħasseb li r-riżultati tas-servej enfasizzaw il-fatt li l-Membri ħafna drabi m'humiex konxji tas-servizzi t'appoġġ li jeżistu; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jidħol għal strateġija ta' informazzjoni biex jindirizza din il-kwistjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2006;

52. Għadu tal-fehma li jista' jsir użu aħjar kemm tar-riżorsi tal-Parlament u kemm ta' staff speċjalizzat tiegħu stess, b'mod speċjali fejn għandhom j'jaqsmu rapporti parlamentari ta' importanza kbira;
53. Ihegġegħ lill-amministrazzjoni teżamina l-ħtieġa li l-Membri jkunu pprovduti b'bażi sostanzjali ta' informazzjoni fuq is-suġġetti u l-kwistjonijiet kollha li jiffiaċċjaw waqt il-qadi ta' dmirijiethom; din l-informazzjoni, li trid tkun ipprovduta mill-faċilitajiet ta' riċerka tal-Parlament, se tgħin lill-Membri jieħdu pożizzjoni ċara dwar kwistjonijiet kumplessi;
54. Innota l-konklużjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni fuq il-kisba ta' kompetenza (entrata 320); jinnota li sar titjib tal-kwalità fis-servizz ġenerali; madanakollu jsostni li s-servizz jista' jkun aktar effiċjenti, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-fatt li l-kompetenza rilevanti mhux dejjem kienet ippreżentata fil-ħin; iddeċieda li jirrilaxxa EUR 1 500 000 u li jibqa' jżomm EUR 500 000 fir-riżerva;
55. Jinkoraġġixxi lis-Segretarju Ġenerali jagħmel verifiki perjodiċi dwar is-servizz ipprovdut lill-Membri, b'mod speċjali rigward kompjuters, l-aġenzija ta' l-ivvjaġġar, it-telefonijiet, servizzi ta' karozza u s-servizz legali;
56. Iqis li t-Teknoloġija ta' l-Informatika hija element essenzjali u fundamentali biex ix-xogħol tal-Membri u ta' l-istaff tagħhom isir kif jixraq; jinnota li kien hemm titjib fis-servizz li qed ikun ipprovdut iżda hu tal-fehma li l-Membri għadhom m'humiex qed jirċievu l-valur sħiħ għall-flus minfuqa; jiddeċiedi li jqiegħed bħala riżerva s-somma ta' EUR 2 miljun mill-entrata 2102 ("*Assistenza barranija*") f'konnessjoni mat-tħaddim, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tas-software;
57. Jinnota l-fteħima rigward id-dispożizzjonijiet tal-Komitoloġija li daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Lulju 2006; jagħraf l-importanza li se jkollha din il-proċedura regolatorja l-ġdida għall-Parlament fil-proċess leġiżlattiv fil-ġejjieni; iqis li huwa meħtieġ li ssir analiżi xierqa ta' l-ammont ta' xogħol li se ġgħib magħha din il-fteħima aktar 'il quddiem;
58. Kif imsemmi qabel fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju, itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-adozzjoni ta' statut għall-assistenti tal-Membri li jkun veru u bis-sens; jitlob lill-Kunsill jieħu deċiżjoni aħħarija sabiex ikunu jistgħu jiġu allokati l-appropriazzjonijiet meħtieġa;

Taqsimha IV - Qorti tal-Ġustizzja

59. Jinnota t-talbiet rikorrenti mill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikseb it-tielet qarrej tal-provi; iddeċieda li, f'dan l-istadju, jawtorizza r-reklutaġġ ta' ħaddiema b'kuntratt għal kull waħda mill-lingwi li minnhom jiddependu l-lingwi l-oħra (pivot languages); iddeċieda li, skond dan, inaqqas l-appropriazzjoni mdaħħla fl-entrata 1406 ("*Servizzi supplimentari oħra (servizz ta' traduzzjoni/interpretazzjoni)*"), li s-soltu jkopri l-ħtiġijiet addizzjonali li jinqalgħu fil-qari tal-provi;

60. Jaqbel mal-Kunsill li jawtorizza 111 promozzjoni inklużi żewġ talbiet biex tkun immodifikata l-istruttura amministrattiva tal-Qorti billi jinholq Direttorat ġdid; jieħu nota li dan m'hu se jkollu l-ebda implikazzjoni finanzjarja oħra fil-ġejjieni;
61. Iddeċieda l-miżuri għall-pjan organiku li ġejjin:
- il-ħolqien ta' 5 postijiet permanenti ġodda (3 AD5 u 2 AST3), minbarra l-10 postijiet il-ġodda li diġà qabel dwarhom il-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu. dawn il-postijiet se jgħibu fi tmiemu proċess li nbeda fis-sena 2004 biex ikun rinforzat l-appoġġ tat-Teknoloġija ta' l-Informatika (IT) fid-diviżjoni ta' l-IT u fis-servizzi finanzjarji u tal-kontroll ex-ante;
 - il-ħolqien ta' 115 post permanenti għar-Rumanija u l-Bulgarija;
62. Hu tal-fehma li t-twaqqif ta' Tribunal tas-Servizz Ċivili ġdid kellu jgħin sabiex tonqos il-konġestjoni fi tribunali oħra; jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex, qabel Marzu ta' l-2007, tippreżenta rapport fuq l-impatt tal-ħolqien tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili l-ġdid f'dak li jirrigwarda l-ispiża għall-bini, staff u spejjeż oħra;
63. Iddeċieda li jillimita l-abbozz tal-baġit miżjud tal-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi oqsma, bħalm'hu s-settur ta' l-IT u li jiffriża n-nefqa fil-pakkett tal-baġit ta' l-2007; madanakollu, żied l-appropriazzjonijiet magħmula disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit bl-ammont ta' EUR 4 633 400 li jirrappreżenta żieda ta' 3.45%, minbarra l-ispejjeż relatati mat-tkabbir;

Taqsimha V - Qorti ta' l-Awdituri

64. Iddeċieda fuq il-ħolqien ta' żewġ postijiet għat-taqsimha tar-riżorsi umani biex jagħmel aktar faċli l-modernizzazzjoni ta' l-istaff ta' l-immaniġġjar u li jimpenja ruħu li joħloq żewġ postijiet oħra meħtieġa fis-sena finanzjarja 2008;
65. Iddeċieda li jinholq post wieħed għat-taqsimha tat-taħriġ professjonali biex jipprovdi programm ta' taħriġ adegwat għall-awdituri subalterni;
66. Għalhekk, iddeċieda l-miżuri għal pian organiku li ġejjin:
- il-ħolqien ta' 3 postijiet permanenti ġodda (1 AST3 u 2 AST1), minbarra t-3 postijiet il-ġodda li diġà qabel dwarhom il-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu;
 - il-ħolqien ta' 41 post permanenti għar-Rumanija u l-Bulgarija;
67. Hu tal-fehma li l-Qorti ta' l-Awdituri mhix tlaħħaq ma' l-oħrajn fit-Teknoloġija ta' l-Informatika u li jeħtiġilha taġġorna s-sistema tagħha sabiex twettaq dmirietha kif jixraq; iddeċieda li jirrestitwixxi s-somma ta' EUR 518 000 li ddeċieda li jnaqqas il-Kunsill;
68. Żied l-appropriazzjonijiet magħmula disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit bis-somma ta' EUR 3 579 729 li tirrappreżenta żieda ta' 3.12%, minbarra l-ispejjeż relatati mat-tkabbir;

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u Kumitat tar-Regġuni

69. Hu tal-fehma li l-ħolqien tas-servizz amministrattiv konġunt kien ta' ġid għaż-żewġ kumitati u li l-ekonomiji maħluqa minn din il-koperazzjoni jistgħu jkunu stmati bejn wieħed u ieħor li jammontaw għal madwar EUR 34 500 000, fuq bażi annwali; jinkoraġġixxi liż-żewġ kumitati li jġeddu l-ftehma tas-sħubija tagħhom qabel l-aħħar tas-sena;

70. Hu tal-fehma li ż-żewġ kumitati jistgħu jżidu l-effiċjenza u jistgħu jikkonċentraw aktar fuq il-missjonijiet politiċi tagħhom jekk ċerti dmirijiet, notevolment dawk ta' xufiera, uxxiera u l-istaff ta' l-istamperija tad-dokumenti; jinsisti li r-riżorsi umani eżistenti għandhom ikunu allokati mill-ġdid sabiex wieħed jaħseb għall-ħtiġijiet futur fl-oqsma tat-tkabbir jew rinforz ta' l-irwol politiku tal-kumitati;

Taqsimha VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

71. Jitlob lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jipproduċi rapport annwali, qabel l-1 ta' Settembru kull sena, fuq l-impatt tax-xogħol ta' konsultazzjoni li twettaq din l-istituzzjoni għall-Parlament Ewropew, għall-Kunsill u għall-Kummissjoni;

72. Iddeċieda li japprova l-ammont ta' EUR 1 995 120 bħala depożitu bil-quddiem mill-baġit ta' l-2006 biex ikopri parti mill-ħtiġijiet tiegħu għall-2007 u li jnaqqas it-talba tiegħu għall-2007 skond dan l-ammont;

73. Hu tal-fehma li biex ilaħħaq ma' l-ammont ta' xogħol li għandu li qed dejjem jikber, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jillimita t-tul tat-testi ta' l-opinjoni jiet tiegħu u pubblikazzjoni jiet oħra, kif isir mill-istituzzjoni jiet l-oħra;

74. Iddeċieda l-miżuri għall-pjan organiku li ġejjin:

- il-ħolqien ta' 5 postijiet permanenti ġodda (1 AD5 u 4 AST3) u post temporanju wieħed (AD5), minbarra t-3 postijiet il-ġodda li diġà qabel dwarhom il-Kunsill fl-abbozz ta' baġit tiegħu.
- il-ħolqien ta' 6 postijiet permanenti għar-Rumanija u l-Bulgarija;

75. Żied l-appropriazzjoni jiet magħmula disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit bl-ammont ta' EUR 1529115 li jirrappreżenta żieda ta' 1.12 % minbarra l-ispejjeż relatati mat-tkabbir;

Taqsimha VII - Kumitat tar-Reġjuni

76. Jaqbel mal-Kunsill dwar it-talba għal promozzjoni jiet relatati mar-Regolamenti għall-Istaff il-ġodda u wkoll dwar it-talba biex Kap ta' Unità wieħed/waħda jkun promoss għall-post ta' Direttur għas-servizz konġunt bil-kundizzjoni li dan mhux se jwassal għall-ħtieġa ta' aktar staff u li l-ebda proposta li s-servizz jinqasam m'hi se tirriżulta minn din il-promozzjoni;

77. Jieħu nota tal-fatt li m'hemmx talba għal postijiet ġodda relatati mat-tkabbir lill-Bulgarija u lir-Rumanija;

78. Iddeċieda l-miżuri għall-pjan organiku li ġejjin:

- il-ħolqien ta' 3 postijiet permanenti ġodda (2 AD5 u 1 AST3) u post temporanju wieħed (AD5), minbarra t-3 postijiet il-ġodda li diġà qabel dwarhom il-Kunsill fl-abbozz ta' baġit tiegħu.

79. Żied l-appropriazzjoni jiet magħmula disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit bl-ammont ta' EUR 581 684 li jirrappreżenta żieda ta' 2.53% minbarra l-ispejjeż relatati mat-tkabbir;

Taqsimha VIII (A) - Ombudsman

80. Jinnota li 10 promozzjoni jiet biss kienu mitluba mill-Ombudsman u li dawn il-promozzjoni jiet kien qabel magħhom il-Kunsill;

81. Iddeċieda li jillimita l-appropriazzjoni allokata lill-organizzazzjoni tas-Seminar Biennali ta' l-Ombudsman Nazzjonali li tagħha huwa risponsabbli din is-sena l-Ombudsman għall-ammont ta' EUR 45 000;

82. Żied l-appropriazzjonijiet magħmula disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit bl-ammont ta' EUR 150 000 miżjuda fuq l-appropriazzjoni għat-traduzzjoni;

Taqsim VIII (B) - Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta

83. Iqis li l-Estimi għandhom ikunu iktar preċiżi, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda staff u ftehimiet ġodda; jitlob lill-amministrazzjoni tiegħu u lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-ftehim interistituzzjonali, jipprovdu appoġġ adegwat biex jitfasslu l-estimi għas-sena finanzjarja li jmiss;

84. Iddeċieda l-miżuri għall-pjan oprganiku li ġejjin:

- il-ħolqien ta' 2 postijiet permanenti ġodda (1 AD9 u 1 AST5) minbarra t-3 postijiet il-ġodda (1 AD9, 1 AD8 u 1 AD7) li diġà qabel dwarhom il-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu;

85. Żied l-appropriazzjonijiet magħmula disponibbli mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit bl-ammont ta' EUR 167 846 biex jibqa' jinżamm il-livell ta' żvilupp tiegħu li jirrappreżenta żieda ta' 38.53% mingħajr m'hu jitqies il-baġit ta' emenda;

0

0 0

86. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien ma' l-emendi għat-Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII (A) u VIII (B) ta' l-abbozz tal-baġit ġenerali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-korpi kkonċernati.